# Il-Kummissarji Ewropej il-ġodda jipproponu miżuri biex jgħinu l-ekonomija Ewropea



Il-Kummissjoni Ewropea l-ġdida bdiet taqdi l-mandat tagħha ta' ħames snin wara li l-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu lill-Kulleġġ il-ġdid f'Sessjoni Plenarja nhar it-Tlieta 9 ta' Frar.

Fl-10 ta' Frar, il-Kummissarji l-ġodda, fosthom dak Malti, John Dalli, ħadu l-ġurament tal-ħatra. Il-Kummissarju Dalli se jkun responsabbli mill-politika tas-saħħa u l-protezzjoni tal-konsumatur.

Il-President tal-Kummissjoni Ewropea José Manuel Barroso reġa' ġie appuntat unanimament mill-mexxejja tal-Unjoni Ewropea f'Settembru tas-sena li għaddiet.

Il-Kummissjoni Ewropea għandha quddiemha ħames sfidi ewlenin:

- It-tkabbir ekonomiku;
- Il-ġlieda kontra l-qgħad, u t-tnaqqis tad-differenzi bejn membri tal-istess soċjetà biex jitjieb il-livell tal-għixien ta' kulħadd;
- Li l-Ewropa ddawwar l-isfida li ssir iktar sostenibbli fl-istil ta' ħajja f'opportunità biex issir iktar kompetittiva (per eżempju fil-qasam tal-enerġija nadifa);
- Aktar sigurtà;
- Li tiġi msaħħa l-parteċipazzjoni tal-Parlament Ewropew fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet.

Uħud mill-Kummissarji enfasizzaw l-importanza ta' miżuri ġodda biex tiġi megħluba l-kriżi ekonomika u finanzjarja li ħakmet l-UE u lid-dinja f'dawn l-aħħar sentejn.

Issemma wkoll il-fatt li diversi pajjiżi jridu jieħdu passi biex inaqqsu s-self tagħhom. Malta ngħatat estensjoni ta' sena biex tnaqqas id-defiċit għal inqas minn 3% sas-sena 2011.

Joaquín Almunia, il-Kummissarju għall-Kompetizzjoni, stqarr li se jagħti prijorità lil riformi biex il-banek fl-Ewropa ma jpoġġux f'periklu l-ekonomija Ewropea.

L-ekonomija Ewropea se tkun prijorità għall-Kummissjoni Ewropea l-ġdida hekk kif il-qgħad f'ħafna pajjiżi tal-Unjoni Ewropea sploda 'l fuq. Fil-fatt bħalissa qed jiġi diskuss programm imsejjaħ "EU 2020", li se jagħti direzzjoni lill-ekonomija u l-prijoritajiet tal-Unjoni Ewropea għall-għaxar snin li ġejjin.







Malta-EU Steering & Action Committee

indirizz: 280 Triq ir-Repubblika, Valletta tel: 2200 3300 email: info.meusac@gov.mt
www.meusac.gov.mt